MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Avviz Numru. 80/2007

**Chefs Choice Limited (C 14565)**

**Vs**

**Donald Micallef (ID 207082 M) u dan wara li l-okkju ta` din il-kawza kien gie korrett permezz ta` digriet moghti fil-11 ta` April, 2007**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta` attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghal hlas ta` Lm 3500.

Ihallas is-somma ta` Lm 3,500, liema somma tirraprezenta flejjes minnhekk misapproprijati waqt l-impieg tieghu mas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali tad-29 ta` Mejju, 2006 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz kontra l-konvenut li jibqa` minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-digriet imsemmi moghti fl-11 ta` April, 2007 u li jinsab a fol. 4 u fol. 5 ta` l-atti.

Wara li rat in-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b`hekk l-istess ammont u spejjez jigu ppruvati (Artikoli 698 u 702 (3) (b) Procedura Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx fit-3 ta` Dicembru, 2007 meta gew pprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, in-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa` t-talba attrici u tikkundanna lil konvenut sabiex jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` Lm 3500, bl-imghax legali mit-23 ta` Marzu, 2007 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali tad-29 ta` Mejju, 2006.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------